# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 6 ta’ 2024, miżmuma nhar il-25 ta’ April 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fil-hamsa u nofs ta’ filgħaxija.

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Clifford Galea Vella | President | |
| John Buttigieg | Mellieħa LC (online) | Membru |
| Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| Angelo Micallef | Ħal Balzan LC (online) | Membru |
| Stephan Cordina | Attard LC | Membru |

Agent Segretarju Eżekuttiv – Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| Trevor Fenech | San Gwann LC | Membru |
| Chris Grech | Mosta LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni tal-President;
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilleri;
5. Korrispondenza
   i. SIA University of Malta
   ii. Resignation Letter
6. Rapporti
   i. Audited Financial Statement 2023 (tentative)
7. Affarijiet oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa'
   i. Appuntamnet ta' DES
   ii. Bdil ta firmatorju tal-Bank
   iii. Update Skart
      A. BOQ- Commercial carton waste and Cemetries
      B. Agreement ma Skemi (PROs) (Tentative)
   iv. Update Ambjent
8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-17:30 mill-President, is-Sur Clifford Galea.

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1 Qari t' Apoloġiji

Il-President Clifford Galea nforma li l-membru is-Sur Alfred Grima talab li jiġi skużat peress li ser tinzamm il-laqgħa tal-Kunsill, filwaqt li Trevor Fenech, Chris Grech huma assenti peress li ma bagħatu ebda talba t'apoloġija.

## - 2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-President Clifford Galea staqsa jekk raw il-minuti 4 li inzammu fit-12 ta' Marzu 2024 u minuti numru 5 fejn ma intlaħaqx quorum fil-11 ta' April 2024.
Paul Vella ippropona il-minuti ta' laqgħa numru 4 u 5. Stephan Cordina issekonda il-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

## - 3 Komunikazzjoni tal-President

**Ritorn ta' Laptop -** Il-President Clifford Galea għamel referenza għat talba fejn George Abdilla talab biex izomm il-laptop għal xahar sal-11 ta Mejju 2024 fejn informa li ma sab ebda oġġezzjoni f'dan rigward.

**CCTV's: Vetturi tal-Kuntrattur** - Il-President Clifford Galea informa il-membri li kien hemm numru ta' rappreżentanti mil-Kunsilli Lokali fejn attendew il-laqgħa ta' CCTV's fuq il-vetturi



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

mal-Kuntrattur u il-Waste Manager għal spjegazzjoni ta kif taħdem is-sistema tal-kameras fuq it-truckijiet tal-kollettur ta’ l-iskart.
F’dan ir-rigward peress li il-Kuntrattur ta l-Iskart mexa pass ieħor fit-talbiet rikjesti minnu l-ittra tad-default notice ser tiġi posposta għal-laqgħa li jmiss.

**Filmat Strada Rjali -** Il-President Clifford Galea semma l-filmat li sar min Strada Rjali, fejn informa lill-membri li huwa lest u li diġa kelmuħ nies mil-publiku kif ukoll minn Reġjuni oħrajn. B’hekk jiriżulta bħala success għax qed jintlaħaq mil-publiku fuq il-midea soċjali għal għarfien tar-Reġjun tagħna mal-publiku.

Angelo Micallef daħal online fis-17:43

**Bnadar ritorn ta l-ittra registrata** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li l-ittra reġistrata li ntbgħatet lil Antoine Farrugia ġiet lura l-uffiċċju u l-bnadar baqgħu ma waslux. Ħabba f’hekk Reġjun kellu jordna bnadar oħrajn mingħand ħaddieħor biex ninqdew. Il-Membri werew skuntentizza b’din is-sitwazjoni għalekk Il-President Clifford Galea propona nieħdu linja guida mingħand l-avukat għal direzzjoni l-quddiem, Paul Vella issekonda il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

**Ritorn ta' Laptop -** Il-President Clifford Galea informa l-membri li wieħed mil-Laptops li kien għand ex kollega tar-Reġjun se jiġi ritornat lura din il-ġimgħa stess.

**Kjarifika dwar Performance appraisal** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li jixtieq jikjarifika sitwazzjoni dwar l-iffirmar tal-performance appraisal ta l-Ex Segretarju Eżekuttiv George Abdilla. Infurmhom li huwa afda u ffirma l-performance appraisal mingħajr ma ġie muri u iverifikat l-kumment tiegħu qabel ma tintbgħat id-DLG. Il-President Clifford Galea saħaq li l-kumment tas-Sur George Abdilla kien jindika allegazzjoni li hu ingħata l-performance appraisal kif ingħata sabiex jkun imġiegħel jirreżenja. Din l-allegazzjoni ma kienitx minnha w għaldaqstant ddiskutew bejniethom, ntalbet skuza u qablu li l-istorja se tieqaf hemm, b'tagħlima li kull ħaġa minn issa l-quddiem trid tiġi verifikata qabel ma tiġi ffirmatha.

**Bolol u SIA report** - Il-President Clifford Galea informa l-membri fir-rigward tal-Bolol u SIA report, huwa aħjar jibqgħu pendenti għal wara l-elezzjoni kif ukoll miħabba il-handover li għad fadal biex tingħata lil Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**Skart** - Il-President Clifford Galea informa l-membri fir-rigward ta l-iżball li kien hemm fuq l-iskart u l-pagament taħhom, mhux kull Kunsill huwa konform u b’hekk se jkompli jiġi sorveljat sabiex jibqaw jiġu aġġornati.

Il-President Clifford Galea informa l-membri li attenda laqgħa dawar Gender Balance in Local Government.

**Applikazzjonijiet ghal-postijiet Vakanti** - Il-President Clifford Galea informa l-membri dwar il-postijiet Vakanti fir-Regjun Tramuntana fejn hemm żewġ (2) applikazzjonijiet għal Segretarju Eżekuttiv u seba (7) applikazzjonijiet għall- Managers, li maġġoranza kienu għal tal-Kultura. Għaldaqstant ġiet stabbilita d-data ta’ 13 ta’ Mejju 2024 fis-14:00 fejn il-bord

tal-interviews se jiddiskutu dawn l-applikazzjonijiet sabiex bejnietom jgħażlu min huwa eliġibli mis-CV's u wara jiġu imsejħa għal-interviews. Il-Membri tal-Bord huma Clifford Galea, Paul Vella, u Kyle Mifsud.

**Choir Festival** - Rigward il-Choir Festival il-President Clifford Galea informa l-membri li fil-laqgħa li inżammet f' Marzu 2023 u l-komunikazzjoni ma sur Noel Castillo intqal li kien hemm qbil li sakemm it-trasport tal-korijiet ikunu għar-Reġjun, ma jsibx oġġezzjoni – kellna naslu sa Eu10,000 u ġie kont ogħla għat-trasport. Il-membri iddiskutew u għaldaqstant il-President Clifford Galea propona li l-pagament jgħaddi, Paul Vella issekonda il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

**Kontrol tal-ħamiem** - Il-President Clifford Galea informa l-membri li wara il-laqgħa se jiġi rappreżentant jitkellem fuq control tal-ħamiem.

## - 4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

**Skart** - Is-Sur Stephan Cordina xtaq ikun jaf jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-tibdil fil-ġurnata tal-ġbir tal-ħġieġ. Il-President Clifford Galea spjega li ftit siegħat qabel il-laqgħa irċivejna komunikazzjoni fejn intbgħat ftehim u il-PRO's spjegaw it-tħassib taħhom u fejn mhux qed jaqblu fuq xi punti għalekk inħatar Avukat komuni għal-linja gwida aħjar.

**Tenders** - Is-Sna Anne Marie Fenech Adami xtaqet tkun taf x'hemm Tenders pendenti, l-Agent Segretarju Ezekuttiv spjegat li sissa ġiet infurmata fuq żewġ tenders li huma CCTV's u Risk Assestment u li għad fadal l-aħħar ftit informazzjoni biex jinġabar. Is-Sur Kyle Mifsud semma ukoll it-Tender ta' Street Lighting. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat li ma kelliex biżejjed ħin sabiex tidħol iżjed fid-dettal dwarom.
Is-Sur John Buttigieg talab li fit-Tender tas-CCTV jkun hemm l-għazla li jaħdmu bis-solar, il-President Clifford Galea informaħ li qedgħa inkluża pero din trid tiġi komunikata issa.

**LESA Skema Cir AKL 2023/045** - Is-Sur John Buttigieg staqsa ukoll jekk l-iskema ta' assistenza fuq Traffic Management għadiex disponibbli peress li fit-2 ta' Mejju 2024 hemm bżonn l-assistenza ta' żewġ ufficjali. Is-Sur Kyle Mifsud konferma li għad fadal fondi u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tablet biex jibgħat id-dokumenti meħtieġa sabiex issir verifika u it-talba tiġi processata skond il-proċedura.

**Fond tal-Kultura** - Is-Sur John Buttigieg spjeġa li fil-24 ta Mejju se iseħħ attività ta' kxif ta mafkar, talab li parti minn dawn l-ispejjeż jittieħdu , mill-Kulture Fund tar-Reġjun. Gie mitlub jibgħat propsta lir-Reġjun qabel l-attivita.

## - 5 Korispondenza

**SIA** – Ġie spjegat li l-ewwel parti mil-pagamet adda u se jiġi proċessat it-tieni parti malli jinbidlu l-firmatorji mal-bank.

**Resignation Letter** - il-President Clifford Galea konferma mas-Sur George Abdilla li l-ittra tar-resegnia ġiet proċessata mal- Jobs Plus. Il-President u il-Membri ħadu l-opportunita biex jiringrazjawħ tas-servizz tiegħu fir-Reġjun Tramuntana.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - 6 Rapporti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-President Clifford Galea informaw l-membri li fil-29 ta' April 2024 se jinżam meeting ma l-Auditur u l-accountant, filmkiem mal-istaff clerikali sbiex jingħalaq l-audit peress li hemm xi affarijiet pendenti.

## - 7 Affarijiet oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa'

1. l-President Clifford Galea informa li peress l-aħħar laqgħa ma seħħitx ħabba nuqqas ta' quorm talab linja gwida mingħand id-Direttur Ġenerali u ġiet maħtura Kristina Camilleri bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jitkompla il-proċess tar-Reġjun.
2. l-President Clifford Galea informa il-membri li sabiex jitkompla il-proċess qed jiproponi li Kristina Camilleri bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv jinbidlu il-firmatorji tal-Bank. Is-Snr Anne Marie Fenech Adami issekonda il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.
3. Il-President Clifford Galea spjega li l-waste manager Baderinwa Aderemi ma setax jattendi minħabba li qed jattendi course u informa l-membri li ftit siegħat qabel il-laqgħa irċivejna komunikazzjoni fejn intbgħat ftehim u l-PRO's spjegaw fejn mhux qed jaqblu fuq xi punti u ġie deċiż li jinħatar avukat għal linja gwida aħjar. Il-kommunika se tintbgħat lil membri ukoll sabiex jibqaw infurmati. Għaldaqstant il-waste manager se jaġġornana fil-laqgħa li jmiss.
4. Il-President Clifford Galea spjega li l-Environmental Manager jinstab imsiefer għaldaqstant il-membri se jiġu aġġornati kif xieraq fil-laqgħa li jmiss.

## - 8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Il-President Clifford Galea ppreżenta l-iskeda 174.
Wara li l-membri raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, Paul Vella ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat. Is-sur Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni. Il-membri l-oħra qablu unanimament.

## - 9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-President Clifford Galea għalaq il-laqgħa fis-sitta u għoxrin ta' filgħaxija. Wara li unanimament kien hemm qbil, li l-laqgħa tigi aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| Clifford Galea Vella | Kristina Camilleri |
| President | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum, it-Tnejn 13 ta' Mejju 2024.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt